2024/2518

24.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2518

tat-23 ta' Settembru 2024

li jimplimenta l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 377/2012 tat-3 ta' Mejju 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 377/2012.

(2) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 377/2012, il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea-Bissau, u jqis li jenħtieġ li tliet persuni jitneħħew mil-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi, kif stipulat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

Z. FELDMAN

([1]) ĠU L 119, 4.5.2012, p. 1.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 (Lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi imsemmija fl-Artikoli 2(1) u 2(2)), l-entrati li jikkonċernaw il-persuni elenkati hawn taħt huma mħassra:

"13. Tchipa NA BIDON

16. Idrissa DJALÓ

21. Logutenent Julio NA MAN".